***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 115 tat-22 ta' Mejju 2018 dwar punt imqajjem mill-Onor. Simon Busuttil fir-rigward ta' artiklu fuq is-sit The Malta Independent online tal-21 ta' Mejju 2018**

Fis-Seduta 114 tal-bieraħ, 21 ta' Mejju 2018, immedjatament wara l-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari l-Onor. Simon Busuttil ġibed l-attenzjoni tas-Sedja u qal hekk:

> "**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Sur President, il-ġimgħa li għaddiet, bħal-lum ġimgħa, inti tajt *ruling* fuq talba tiegħi fejn ġustament tlabt lil One News jikkorreġu rapport dwar diskors li għamilt jien fuq l-Embryo Protection Bill. Illum nixtieq nippreżenta fuq il-Mejda tal-Kamra artiklu li deher illum stess miktub mid-Deputat Prim Ministru Chris Fearne fejn reġa' mmiżrappreżenta dak li għedt jien eżatt kif għamel One News. Dan ifisser li mhux biss irrapporta b'mod falz dak li għedt jien, imma agħar minn hekk, sfida *ruling* ċar li tajt int. Għaldaqstant, nixtieq inġib dan a konjizzjoni tiegħek u nitolbok tieħu l-passi meħtieġa. Nirringrazzjak."

Is-Sedja wieġbet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Grazzi. Tajjeb tkun taf li dak ir-*ruling* ġie riprodott f'One News onlajn b'mod immedjat. Fuq dak li qed tgħidli issa rrid nindaga."

Is-Sedja rat l-artiklu li kien qed jagħmel referenza għalih l-Onor. Simon Busuttil, intitolat '*Opinion: Let's talk, but respect our principles - Chris Fearne*' u li deher fis-sit The Malta Independent online fil-21 ta' Mejju 2018. F'dan l-artiklu l-Onor. Chris Fearne jagħti analiżi u opinjoni kritika dwar dak li ntqal fil-Parlament dwar l-emendi għal-liġi dwar l-IVF. Il-parti saljenti li jidher li qed jagħmel referenza għaliha l-Onor. Simon Busuttil hija l-parti li taqra hekk:

> "*With deep regret I note that some of the words and depictions I heard in parliament were extremely painful to the thousands of Maltese men and women who are facing problems of infertility.*
>
> *When someone like Simon Busuttil breezily declares that since neither God nor nature have granted a right to have children then so be it, he seems to be perfectly oblivious to his flesh and blood compatriots who were not as lucky as he was. He is also manifesting a deep disregard of contemporary science. Most spectacularly, he is callously ignoring the fact that our amendments will be increasing the likelihood of embryos reaching maturity than is the case with the current system.*"

Is-Sedja rat ukoll dak li ġie deċiż fir-*ruling* li tat fis-Seduta 111 tal-14 ta' Mejju 2018, dwar punt li kien imqajjem mill-istess Onor. Simon Busuttil dwar rappurtaġġ ta' proċeduri parlamentari minn One News. F'dak ir-*ruling* is-Sedja kienet għamlet referenza għal artiklu li kien deher fuq One News li kien jaqra hekk, u naqrah *verbatim*:

> "ARA: Il-PN: La n-natura tgħid le tippretendix għajnuna"

Il-Partit Nazzjonalista issa qed jgħid li wieħed m'għandux jippretendi drittijiet li n-natura tkun qaltlu le.

Dan b'rabta mad-dibattitu dwar l-IVF fejn lill-koppji infertili l-eks Kap tal-PN u deputat Simon Busuttil qalilhom biex ma jipppretendux xi dritt mill-membri parlamentari ladarba n-natura qaltilhom li ma jistax ikollhom ulied.

Busuttil qal dan fi tmiem diskors fejn attakka l-emendi fil-ligi tal-IVF u filwaqt li kemm-il darba qal li ħadem għad-drittijiet ċivili, anke jekk saħansitra astjena dwarhom fil-Parlament, kull darba segwa billi ta raġuni għaliex ma jridx li jkun estiż is-servizz tal-IVF."

Is-Sedja f'dan ir-*ruling* kienet qalet hekk:

"Wara li s-Sedja ħadet in konsiderazzjoni dawn l-estratti kif ukoll l-ilment tal-Onor. Busuttil, tikkonkludi li għalkemm One News fil-fatt sussegwentement xandar *clip* li rriproduċiet dak li qal l-Onor Busuttil, is-Sedja qiegħda tifhem li meta l-Onor. Busuttil qal id-diskors:

"... ma nistgħux aħna nagħmlu affarijiet li huma akbar minna bħalma nagħtu xi dritt li jkollok tarbija meta la n-natura u lanqas Alla ma jagħtuhielek."

huwa kien qed jirreferi għall-argument dwar is-surrogazzjoni u allura ma kienx qed jgħid li fil-prinċipju huwa kontra l-IVF. Għalkemm, mid-diskors tiegħu joħroġ ċar li filwaqt li l-Onor. Busuttil huwa favur l-IVF skont il-liġi tal-2012 li bħalissa qiegħda *in vigore*, għamel ċar ukoll li huwa kontra l-emendi tal-IVF kif qed jiġu ppreżentati fl-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijun."

Is-Sedja, wara li qrat l-artiklu kollu inkwistjoni, tagħmel referenza mill-ewwel għal dan li ġej:

*"Thankfully, the bitterness-ridden voice of the former PN leader was not the only one. We heard many speeches, include ones delivered by Opposition Members, which expressed the need to change the law to help people experience the unique joy of becoming a parent. It was rewarding to see that there are Opposition MPs who are European in more than name. After all, a facility like embryo freezing has been introduced in many European countries. Even a former intellectual guru of the Nationalist Party, Prof Fr Peter Serracino Inglott, had declared that he saw nothing ethically or morally wrong with this medical facility."*

Aktar 'l isfel dan l-artiklu jkompli jgħid:

*"Today the same flagrant inequality faces those with infertility problems. Those who can afford treatment abroad do so and come back to Malta as happy parents. But those who cannot are denied that same right."*

Jidher ċar li d-Deputat Prim Ministru Chris Fearne, filwaqt li kien qiegħed jirreferi għal dak li effettivament qal l-Onor. Simon Busuttil, u ċjoè li:

> "...ma nistgħux aħna nagħmlu affarijiet li huma akbar minna bħalma nagħtu xi dritt li jkollok tarbija meta la n-natura u lanqas Alla ma jagħtuhielek,"

u dan kif effettivament għamlet is-Sedja fir-*ruling* li tat fl-14 ta' Mejju 2018, fejn qalet hekk:

> "Għalhekk is-Sedja qiegħda tirrakkomanda li *One News* jagħmel referenza għad-diskors tal-Onor. Busuttil fejn jgħid li filwaqt li l-Onor. Busuttil huwa favur l-IVF skont il-Liġi tal-2012, però huwa kontra l-emendi dwar *surrogacy* u l-IVF permezz tal-iffriżar tal-embrijuni kif proposti fl-Abbozz ta' Liġi li l-Kamra għandha quddiemha."

kien qed jagħmel referenza għal dak li kien qiegħed jgħid l-Onor. Simon Busuttil, b'mod partikolari għall-emendi għal-liġi tal-IVF. Tant hu hekk illi jagħmel referenza għal dak li qed isir u li qed jiġi żviluppat fix-xjenza kontemporanja u kif dan l-iżvilupp qed jiġi rifless fl-emendi li qed jiġu proposti permezz tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijun.

Fil-konsiderazzjoni tagħha s-Sedja rat ukoll dak li kien qal l-eks Speaker Louis Galea fir-*ruling* tiegħu tat-18 ta' Mejju tal-2009, fejn kien qal li:

> "Fil-ħarsien tal-qadi sħiħ tad-dmirijiet tal-Membri, bis-saħħa tal-privileġġ li tagħtihom il-liġi, trid tinżamm dejjem ċara d-distinzjoni oġġettiva bejn in-nuqqas ta' qima dovuta, l-insult, il-malafama, ir-rappurtaġġ falz u mgħawweġ minn naħa, u min-naħa l-oħra l-kummenti u l-analiżi kritika tal-opinjoni pubblika f'kull mezz ta' komunikazzjoni tal-aġir, stqarrijiet, deċiżjonijiet u pożizzjonijiet politiċi li jadottaw il-Membri ta' din il-Kamra. Hu dmir tas-Sedja li tipproteġi lill-Membri kontra tal-ewwel meta dan tassew iseħħ, u lill-pubbliku u l-midja fir-rigward tad-dritt tal-libertà tal-espressjoni."

Ladarba l-Onor. Chris Fearne ma kienx qiegħed jikkwota mid-diskors tal-Onor. Simon Busuttil, is-Sedja tikkonsidra dak li ntqal mill-Onor. Fearne fl-artiklu bħala kumment politiku u għaldaqstant ma tħossx li għandha tieħu pożizzjoni aktar minn hekk f'dan ir-rigward.

Ir-*ruling* huwa deċiż.